Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 269/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Rita Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Marzu, 2004, ghall-habta ta' 17.40 hrs, fi Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar,

1. ippermettiet lil Khaled Nemer Eissa jsuq il-vettura DAO 475 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni, (Sec. 3(1) Chap. 104);
2. minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (MVR 18, Sec. 42(d) Chap. 9).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Settembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u Skeda Kap. 65 u 3 tal-Kap.

104, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannatha multa ta’ elfejn u erba’ mitt Euro (€2400) u skwalifikatha mill-licenzja kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-1 t’ Ottubru, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull htija w piena, w fi kwalunkwe kaz, tibdilha dwar il-piena fis-sens li jekk kellha tigi konfermata l-htija, l-multa tithallas b’rati mensili.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li l-fatti mhumiex dawk prospettati mill-prosekuzzjoni, ghaliex hi qatt ma tat permess lil hadd li jsuq il-karozza taghha li tinsab skrappjatha ghax kienet Triumph qadima. 2. Is-sewqan minghajr *insurance*, skond kif inhi l-ligi llum, hija dwar il-karozza. Jekk il-karozza materjali ma tinsaqx, inutili li fuq karozza ohra jkun hemm il-licenzja tal-*windscreen*, il-pjanci, il-*log book* u kollox ta' karozza ohra. Jekk tkun Triumph trid tkun qed tinsaq dik il-karozza w mhux karozza ta' ghamla ohra. 3. Lanqas hemm prova li l-car Triumph taghha kienet fit-triq jew instaqet minghajr ma kien hemm renova ta' licenzja. 4. Dwar il-piena, l-appellanti hi *single mother* u r-ragel li kien jghix maghha jinsab il-habs. Jekk il-multa tigi konfermata, xorta trid tithallas b' rati mensili. Dan ma setghetx titolbu quddiem l-Ewwel Qorti biex ma tigix akkwiexxiet ghas-sentenza appellata.

Semghet il-provi mill-gdid fl-udjenzi tas-27 ta' Novembru, 2008 u tal-15 ta' Jannar, 2009;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

Fl-affidavit tieghu (fol. 12) **P.S. 1174 Adrian Sciberras** iddikjara bil-gurament li Martin Lia kien irraporta li fit-30 ta' Marzu, 2004, kien sar incident stradali fil-17.40 hrs., gewwa Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar bejn car misjuqa minnu w Daihatsu numru DAO 475 misjuqa minn Khaled Eissa Nemor. Meta gabar ir-rapport tal-wardens li kienu investigaw il-habta, skopra li l-vettura l-ohra ma kellhiex insurance u li l-warden kien suppost informa b' dan lil WPC 164 tal-Ghassa tal-Mosta. Hu pero' meta vverifika mar-*records*, ma kien sab ebda rapport bhal dan. Meta nvestiga aktar, sab li l-car kienet tal-appellanti w meta kellem lill-appellanti, din stqarret li l-vettura kienet giet skrappjata izda fil-jum tal-incident kienet koperta b' assikurazzjoni. Hu talabha c-certifikat tal-assikurazzjoni, pero' baqghet ma gabet xejn. Ghalhekk hu hareg l-akkuzi fil-konfront taghha w ta' Khaled Eissa Namor.

Fl-affidavit taghha (fol. 13), **WPC 164 Josette Attard** ikkorroborat id-dikjarazzjoni guramentata tas-Surgent Sciberras.

**Brian Farrugia,** addett tal-ADT**,** xehed li kien ghamel ricerka dwar il-vettura DA0 475 li hija Daihatsu Charade, registrata f' isem l-appellanti Rita Gatt mill-15 ta' Jannar, 2002. Din giet skrappjata fis-6 t' April, 2004. Gatt kienet irritornat il-*log book* u l-pjanci taghha u hallset kollox fis-6 t' April, 2004. Il-licenzja tkun skaduta w l-Awtorita' ma jkollhiex bzonnha. Il-licenzja tat-triq ma kienetx imhallsa fit-30 ta' Marzu, 2004.

**Martin Lia** xehed li erba snin u nofs ilu kien qed isuq karozza sejjer ix-xoghol u dahlet fuqu karozza kulur blu minn gol-*parking*. Din ma kienetx misjuqa mill-appellanti, imma minn wiehed ta' nazzjonalita' Gharbija, li ma jafux. Gie l-warden u ha d-dettalji w lilu kien qallu li seta' jmur u baghtu. Hu mar ghax-xoghol. Meta wara ikkuntattja lil-insurance tieghu, ix-xhud sab li kien hemm problema ghax

il-car l-ohra ma kienetx inxurjatha. Ma ftakarx x' ghamla kienet il-car l-ohra li habtet mieghu.

**L-appellanti** ma xehditx u lanqas ressqet provi.

Ikkonsidrat;

Illi mill-affidavit ta' PS Sciberras jirrizulta li l-appellanti kienet ammettiet li l-karozza Daihatsu in kwistjoni kienet taghha, izda qalet li hi kienet skrappjatha wara d-data tal-incident. L-incident gara fit-30 ta' Marzu, 2004 skond ir-rapport ta' Martin Lia w skond ix-xhieda ta' Brian Farrugia, l-karozza giet skrappjatha minn Rita Gatt fis-6 t' April, 2004. L-allegazzjoni, kontenuta fil-fatti fil-qosor fir-rikors tal-appell, li r-ragel li kienet mieghu ha l-licenzja ta' Triumph u wahhalha fuq id-Daihatsu involuta fl-incident ma hi sorretta b' ebda prova kwalsiasi. Jidher ghalhekk assodat li din il-karozza kienet involuta f' incident stradali w li dak in-nhar tat-30 ta' Marzu, 2004, kienet qed tinsaq bla ma kienet licenzjata biex tintuza fit-triq. Jekk stess dil-licenzja umbaghad thallset sebghat ijiem wara, meta l-vettura kienet dikjarata li ser tigi *"scrapped*", dan bl-ebda mod ma jissana n-nuqqas li kien jezisti fit-30 ta' Marzu, 2004. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni tirrizulta ppruvata sodisfacentement.

Ikkonsidrat;

Illi meta PS Sciberras kien talab lill-appellanti biex iggiblu c-certifikat tal-*insurance* tal-vettura, din baqghet ma haditlu xejn u ghalhekk hu hareg l-akkuza.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Charles Galea"** [7.5.2007] :- *"… fejn … l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment ukoll ma tkunx koperta b' polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta fl-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-art. 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata…".*
(f' dan il-) *kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovna jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikuratrici,*

*ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3 (1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi."*

Din il-prova l-appellanti baqghet ma ghamlithiex.

Ikkonsidrat ;

Ghar-rigward tal-allegazzjoni kontenuta fir-rikors tal-appell li dak li sar, kien sar ad insaputa taghha, din ukoll mhux sorretta minn xi prova kwalsiasi

Illi hu minnu li bis-sub-artikolu (1B) gdid tal-artikolu 3 tal-Kap. 104, introdott bl-emendi li saru bl-Att XXX tas-sena 2002, wiehed jista' jezonera ruhu mir-responsabbilta' kriminali f' kaz li jgib prova li r-reat ikun sar minghajr ma huwa kien jaf bih u li hu jkun ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix lir-reat isir, pero' f' dan il-kaz ma ngabet ebda prova f' dan is-sens mill-appellanti. Ghalhekk din l-iskuzanti tibqa' bazata biss fuq semplici illazzjoni kontenuta fir-rikors tal-appell u xejn izjed.

Ghalhekk l-aggravji kollha dwar il-mertu qed jigu respinti

Illi dwar il-piena, din jidher li nghatat kwazi fil-minimu taghha (ghajr ghal xi ftit Euros li jistghu ikunu attribwiti ghall-piena pekunjarja ghat-tieni imputazzjoni ) w zgur li l-fatt li l-appellanti hi *single mother* - jekk stess dan hu minnu - ma hix xi cirkostanza biex titnaqqas din il-piena minima mandatorja.

Pero' din il-Qorti tara u tqis li, kif talbet l-appellanti, fic-cirkostanzi din il-multa ghandha tithallas b' rati mensili w ghalhekk qed tordna konformement fil-parti dispozttiva infraskritta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti hatja taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra taghha w fejn ikkundannata ghall-hlas ta' multa ta' 2400 Euros u fejn ordnat l-iskwalifka tal-licenzji taghha tas-sewqan ghal periodu ta' sitt xhur, b' dana pero' li tirriformaha biss in kwantu qed issa tawtorizza lill-appellanti li thallas l-imsemmija multa f' erba' w ghoxrin (24) pagament mensili ta' mitt Ewro il-wahda; l-ewwel hlas ta' mitt Ewro isir illum u l-bilanc f' pagamenti ta' mhux inqas minn mitt Ewro sal-ahhar jum ta' kull xahar, b' dan li jekk hi tonqos li thallas puntwalment xi pagament wiehed jew parti minnu, l-ammont kollu bilancjali talvolta dovut jigi ezigibbli minnufieh u, jekk ma jithallasx minnufieh, jigi konvertit f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi a tenur tal-art. 14 u 11 (3) tal-Kodici Kriminali, b' rata ta' gurnata ghal kull Euro 11.65c.

Inoltre tordna l-periodu tal-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellanti jibda minn-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------